

## I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 893/2007

tat-23 ta' Lulju 2007

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Artikolu 2

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

L-opportunitajiet ta' sajd stabbiliti fil-Protokoll tal-Ftehim għandhom jiġu allokatu fost l-Istati Membri kif ġej:

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

— bastimenti tas-sajd bil-purse seines Franza: 27 % tal-liċenzji disponibbli Spanja: 73 % tal-liċenzji disponibbli

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ĠU C,

— bastimenti bil-konzizziet Spanja: 6 bastimenti. Il-Portugall: 6 bastimenti.

Billi:

(1) Il-Komunità nneozjat mar-Repubblika ta' Kiribati Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd li jipprovdi lil bastimenti Komunitarji b' opportunitajiet ta' sajd fl-ilmijiet li l-Kiribati għandha sovranià jew ġurisdizzjoni fuqhom f'dak li għandu x'jaqsam mas-sajd.

Jekk l-applikazzjonijiet għal liċenzji minn dawn l-Istati Membri ma jkopru l-opportunitajiet ta' sajd kollha ffissati fil-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra applikazzjonijiet għal liċenzji minn kull Stat Membru ieħor.

(2) B'riżultat ta' dawk in-negozjati ġie inizjalat Ftehim ta' Sħubija ġdid dwar is-Sajd fid-19 ta' Lulju 2006.

Artikolu 3

(3) Huwa fl-interess tal-Komunità li tapprova dak il-Ftehim.

L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu skond il-Ftehim imsemmi fl-Artikolu 1 għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-kwantitajiet ta' kull ħażna maqbuda fiż-żona tas-sajd ta' Kiribati f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2001 li jniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 dwar is-sorveljanza tal-qbid meħuda mid-dgħajjes tas-sajd tal-Komunità f'ibħra ta' pajjiżi terzi u fl-ibħra miftuħa <sup>(1)</sup>.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Artikolu 4

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat jinnomina l-persuna(i) bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim li jorbot il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU L 73, 15.3.2001, p. 8.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Lulju 2007.

Għall-Kunsill  
Il-President  
L. AMADO

---